MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 218/2003

Il-Pulizija
(Spettur I. Portelli)
Vs
Andrew Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) nhar it-13 t'Ottubru, 2000, fl-Isptar San Luqa, bhala Ufficjal Pubbliku, illi minhabba l-kariga jew l-impieg tieghu, hu fi dmir li jaghmel jew li jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, dan bi ksur tal-Artikolu 185 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) oltre talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika,

xjentement ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta taghrif falz, dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 185 u 188 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi lliberatu minnhom obbligatu illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, w fin-nuqqas tirriformaha billi zzid mas-sentenza originali kif inghatat mill-Ewwel Qorti, li "in is-sentenza ma ghandhiex ikollha effett fuq l-impieg tal-appellant u li ta' dan l-awtoritajiet ghandhom jiehdu din ir-rakkomandazzjoni ta' din il-Qorti".

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor , jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib htija skond l-artikolu 185 u 188 tal-Kodici Kriminali dwar dokument li mhux skrittura privata fiz-zmien meta sar l-allegat reat u cioe' f' Ottubru, 2000, fejn ghandu x'jaqsam dak ahjar maghruf bhala computer misuse. Ir-reati fejn ghandu x'jaqsam l-uzu tal-computer dahlu fis-sehh bil-Kap.246 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bl-Att III tas-sena 2001, fejn gew ntrodotti l-artikoli godda 337B et seq. u allura dak li ghamel l-appellant ma kienx ghadu reat . Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti , fl-applikazzjoni taghha tal-artikolu 22 tal-Kap.446 ma qalitx "li b'dan ma ghandux ikollu effett fuq impieg tieghu mall-Gvern", li hu importantissimu f'dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tal-15 ta' Jannar, 2004;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom . Fit-13 t' Ottubru, 2000, l-appellant li, bhala ufficjal pubbliku kien jahdem bhala ward clerk fl-Isptar San Luqa, u kellu access ghas-sistema komputerizzati tal-isptar, biex jiskuza l-assenza tieghu mix-xoghol , dahhal fir-records tal-computer li hu kien pazjent fil-Ward S3 tal-isptar dak in-nhar meta dan ma kienx veru . Dan kien ghamlu ghaliex dak iz-zmien kien ghaddej minn periodu ta' ansjeta' minnhabba problemi familjari li kellu.

Illi l-appell hu principalment bazat fuq l-interpretazzjoni legali li trid tinghata lil dawn il-fatti w jekk dawn jammontawx ghar-reati kontemplati fl-artikoli 185 u 188 tal-Kodici Kriminali .

Illi r-reat kontemplat fl-artikolu 185 hu dak kommess minn *"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew impieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat ,jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni falza jew certifikat falz ."*

Dar-reat jikkontempla piena ta'prigunerija minn disa xhur sa tlitt snin.

Imbaghad ir-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 hu dak kommess , minn min , *"sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika , xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz."*

Dar-reat jikkontempla piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn sentejn jew multa.

Illi l-uniku aggravju tal-appellant dwar il-mertu – jekk din il-Qorti qed tifmhu sew ghaliex id-dicitura uzata hi alkwantu nebuluza - huwa fis-sens li atti tat-tip maghmula mill-appellant fit-13 ta’ Ottubru, 2000, ma kienux jammontaw ghal reat jew reati kriminali ghaliex kien ghadu ma dahalx fis-sehh l-artikolu l-gdid 337B fil-Kodici Kriminali introdott bl-Att III tas-sena 2001 li jirregola reati konnessi mall-uzu tal-computer.

Issa hu minnu li l-artikoli 337B sa 337G godda li dahlu in vigore fl-10 ta’ Mejju, 2002 (LN.109/02) jittrattaw espressament dwar xi reati konnessi mall-uzu abuziv tal-computer u jispecifikaw serje ta’ tipi w xorta ta’ xi reati nvoluti. L-artikolu 337F jipprovdi ghall-pieni ta’ multa ta’ mhux izjed minn LM10,000 jew prigunerija ghal zmien mhux aktar minn erba snin jew ghall-multa u prigunerija flimkien. Inoltre meta r-reat ikun jikkostitwixxi att li b’xi mod ikun ta’ hsara ghal xi funzjoni jew attivita’ tal-Gvern , jew itellef jgharraq jew jinterrompi b’xi mod li jkun l-ghoti ta’ xi servizz jew utilita’ pubblici, il-penali ghandha tizdied ghal multa ta’ mhux inqas minn mitt lira u mhux aktar minn hamsin elf lira jew prigunerija ghal zmien minn tlitt xhur sa ghaxar snin jew ghal dik il-multa jew prigunerija flimkien. Pieni dawn decizament oghola minn dawk kontemplati fiz-zewg reati dedotti kontra l-appellant .

Pero’ fil-fehma ta’ din il-Qorti , bil-fatt li ma kienetx ghadha tezisti ligi “ad hoc” li tohloq reati specifici kommessi bl-abbuz tal-computer qabel l ta’ Mejju, 2002, dan ma jfissirx li ma setghux jinkisru dispozizzjonijiet ohra tal-ligi Kriminali li jigu kommessi - fost b’mezzi ohrajn – bl-uzu tal-computer. (ara Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Frank Ellul**” [13.02.2003] fejn ukoll si trattava ta’ ksur tal-Kap.9 bil-mezzi komputerizzati tal-Isptar San Luqa, b’azzjonijiet kommessi fit-23 t’ April, 2001 u qabel dik id-data , cioe’ ukoll qabel ma dahlu *in vigore* l-artikoli 337 B et seq. tal-Kap.9.

F’dik is-sentenza din il-Qorti , meta kkonferemat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ,rriteniet li inserzjonijiet foloz fis-sistema tal-computer tal-Isptar San Luqa b’ mod li jixbah hafna dak li

uza l-appellant odjern kienu jammontaw ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali , sia pure f' dak il-kaz l-akkuzi kienu jirrigwardaw dispozizzjonijiet differenti minn dawk li tahthom instab hati l-appellant odjern fis-sentenza appellata.

Di fatti kien hemm gie ritenut li b' dak li kien ghamel l-appellant f' dik il-kawza meta " *inserixxa fis-sistema komputerizzata tal-Isptar "DATA" rrilevanti u li ma kienx postha hemm fir-records tal-pazjenti u li setghat taghti lok ghall-tfixkil u intralc fis-sistema"* kien jammonta ghall-ksur ta' dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali u dana minkejja li – bhal f' dan il-kaz - kien ghadhom ma sarux ligi l-artikoli 337B sa 337G.

Ma hemmx dubju mbaghad li l-elementi li l-hati jkun ufficjal pubbliku w li dak li ghamel , ghamlu bi ksur tad-dmirijiet tieghu jirrizultaw , anzi ma hemmx kontestazzjoni dwarhom ghax l-appellant kien proprju impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha proprju bhala ward clerk . Lanqas hemm dubju li dak li dahhal fil-"computer" dahhlu biex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih u dan ghamlu billi dahhal dikjarazzjoini u stqarrija falza f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika . Illi l-"print out" a fol.30 tal-process li hu "ward census" ta' Ward S3 ghad-data in kwistjoni indubbjament jikkostitwixxi dokument mahsub ghall xi awtorita' pubblika li jiccertifika stat ta' fatt f' dik il-ward u li ghandu importanza amministrattiva u ma jistax juri imformazzjoni falza u fazulla. Umbaghad dak li gie argumentat quddiem l-Ewwel Qorti li dan id-dokument mhux l-ahjar prova hu bla bazi jekk mhux addirittura rrilevanti . Di fatti "computer print out" mhux xi haga sagrosanta w unika u bhala jistghu jinhargu numru kbir fuq semplici klikkjatura ta' buttuna w ghalhekk hawn non si tratta ta' xi original uniku w irrepetibbli . Issa f' dan il-kaz saret "print out" u din giet esebita w konfermata bhala "This is the true original" mix-xhud Jesmond Sharples li ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess dokument. Inoltre stante li l-istess appellant fl-istqarrija tieghu (fol. 20) muri l-lista tal-pazjenti in kwistjoni , qabel li dik kienet il-lista fejn kien dahhal ismu, hu ovvju li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-awtenticita' tal-istess dokument.

Ghalhekk ma hemmx kwistjoni li dad-dokument jikkostitwixxi prova valida w ammissibbli skond il-ligi .

Illi hu ovvju ukoll li meta ufficjal pubbliku, li jkollu l-fakolta' li jdahhal DATA fil-computer bhala parti mill-mansjonijiet tieghu , xjentement idahhal DATA falz, ikun qed jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni falza jew jiccertifika l-falz. Illi anki jekk hu minnu li biex ghamel dan l-appellant kien kiseb il-permess ta' xi impjegat iehor, dan bl-ebda mod ma jnaqqas ir-responsabbilta' kriminali tieghu , ghax id-data fis-sistema komputerizzat tal-Isptar ma kienetx tappartjeni lil dak l-impjegat l-iehor imma lill-Gvern ta' Malta . Ghalhekk jissusistu l-elementi kollha tar-reati kontemplati fl-artikoli 185 (1) u 188 u l-Ewwel Qorti kellha kull ragun li tikkonkludi dan fis-sentenza appellata w ssib il-htija tal-appellant ghall-istess reati . Din il-Qorti ma ssibx x' ticcensura fl-apprezzament tal-fatti u fl-interpretazzjoni legali w l-motivazzjoni tas-sentenza appellata.

Illi imbaghad lanqas hu l-kaz li jigi argumentat li bid-dhul *in vigore* tal-artikoli 337B sa 337G dahlet xi ligi aktar vantaggjuza ghall-appellant li allura ghandha tapplika ghall-appellant kemm ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija jew ghal dak li jirrigwarda l-piena , ghax , kif intqal aktar il fuq, il-piena kontemplata ghar-reati hemm inkluzi – u li mhumiex dawk li bihom gie akkuzat - hi ferm aktar harxa mill-piena kontemplata fl-artikoli 185 u 188 tal-Kap.9.

Ghalhekk l-aggravju dwar is-sejbin ta' htija qed jigi respint.

Illi l-appellant attwalment mhux qed jappella mill-liberta' kondizzjonata li huwa nghata fis-sentenza appellata per se, izda qed jitlob biss li din il-Qorti izzid mas-sentenza appellata il-kliem : "din is-sentenza ma ghandhiex ikollha effett fuq l-impieg tal-appellant u li ta' dan l-awtoritajiet ghandhom jiehdu din ir-rakkomandazzjoni ta' din il-Qorti" .

Issa kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza taghha fuq citata mhux l-kaz li dawn it-tip ta' reati jigu minimizzati ghaliex kif hemm intqal *: " Fiz-zminijiet tal-lum meta kull ma jmur aktar u aktar informazzjoni mportanti u konfidenzjali li*

*tirrigwarda kull cittadin qed tigi fdata f'sistemi komputerizzati , hu mportanti li ma tidholx il-kultura fost min hu inkarikat mill-operazzjoni ta' dawn is-sistemi li tali informazzjoni qeghda hemm biex wiehed juzha w jilghab biha w jbiddel fiha , kif u x'hin irid hu , bi ksur mhux biss tal-konfidenzjalita' taghha izda anki fl-akkuratezza w ezattezza taghha. Kull min jigi impoggi f' pozizzjoni ta' fiducja fl-operazzjoni ta' sistemi komputerizzati bhal dawn ghandu responsabbilta' kbira li ma jabbuza b'ebda mod mill-pozizzjoni vantaggjata tieghu ghal skopijiet ta' mohhu , imma jrid jopera s-sistema fdata lilu bl-akbar rispett , serjeta' w sens ta' dover."*

Fil-kaz in ezami , l-Ewwel Qorti , wara li qieset ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, l-animu tal-appellant meta ghamel dak li ghamel , il-kondotta nadifa precedenti tieghu w fatturi ohra, ddecidiet, sew fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li ma tapplikax il-piena karcerarja stabilita ghal reati tax-xorta li l-appellant instab hati taghhom. Minnflok , saggjament applikat id-dispozizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap.446 u lliberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar . Dan il-provvediment li zgur kien wiehed li agevola lill-appellant , fic-cirkostanzi kien wiehed gust u jimmerita konferma .

Din il-Qorti tifhem u tapprezza s-sitwazzjoni li jista' jigi fiha l-appellant jekk, nonostante l-provvediment tal-Ewwel Qorti , l-appellant xorta wahda jitlef l-impieg tieghu mall-Gvern. Issa skond l-artikolu 25 (1) (b) tal-Kap.446, li tista' tghid jirriproduci kwazi testwalment dispozizzjoni simili li kienet tinsab fl-artikolu 12(1)(b) tal-Kap.152 illum abrogat bil-Kap.446, **dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dak l-Att li bih il-hati jkun gie ….. liberat kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghall-ebba fini li jkun , minnbarra (b) f' kaz ta' ufficjal pubbliku , il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tittiehed kontra , jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat**." Ghalhekk jidher li din il-Qorti ma

tistax tati xi ordni fis-sens li d-dikjarazzjoni ta' htija kontra l-appellant m'ghandhiex titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghall-fini ta' proceduri dixxiplinarji mehuda eventwalment kontra l-appellant bhala ufficjal pubbliku.

Illi pero' fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Ray Azzopardi**" [9.4.2003] nonostante d-dispozizzjoni identika tal-artikolu 12(1)(b) tal-Kap.152 , li kien japplika dak iz-zmien, din il-Qorti kienet hasset li kellha taghmel "rakkomandazzjoni" li dik is-sentenza m'ghandhiex ikollha rifless fuq l-impieg tal-appellant f' dik il-kawza .

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha ssir rakkomandazzjoni simili ghall dak li tista' tiswa .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha , tvarjaha biss billi jizdied maghha l-kliema **"bir-rakkomandazzjoni** ta' din il-Qorti li s-sentenza m'ghandhiex ikollha rifless fuq l-impieg tal-appellant, li ghandha tinghata l-konsiderazzjoni xierqa."

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------